Minuti tal-Laqgħa Nru. 10 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Diċembru 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
5. Aġġornament

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li din il-laqgħa kienet se tkun imxandra permezz tal-live streaming u tista tiġi segwita permezz tal-internet.

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li fil-minuti ta qabel kellhom jkunu indikati t-tlett postijiet fejn huwa kien irrefera għal kaxxi sofor. Is-Sindku semma li dawn jinsabu fi Triq Ġużeppi Ellul u Triq San Ġorġ.

2.2 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet meta se jsiru il-bins on wheels fi Triq il-Qasam Sperimentali. Is-Sindku wieġeb li huwa kien diġa kellem lil tal-Iscammel biex jġib dawn il-bins on wheels fejn huwa avżah li dawn waslu biex jiġu.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li qed ikun hemm ħafna rimi ta skart f ċertu partijiet ta Ħal Luqa bħal fejn joqgħod is-Sindku u inħawi oħra fejn hemm il-bins on wheels. Huwa ssuġġerrixxa biex isiru tabelli b wording differenti. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jieħu ħsieb jagħmel dawn it-tabelli.

3.2 Il-Kunsillier Caruana u l-Viċi Sindku semmew li s-sitwazzjoni fuq il-lattrina reġgħet lura għan normal. Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm xi persuni li kienu qed ifixklu fuq l-operat tal-lattrina. Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex isiru tabelli biex wieħed jgħolli s-seat sabiex tinżamm l-indafa fit-toilets.

3.3 Is-Sindku semma li kien hemm inizjattiva sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jorganiżżaw korsijiet tal-E Learning lill-dawk il-persuni li jixtiequ jaġġornaw iktar lilhom infushom fuq l-infromatika.

3.4 Is-Sindku semma li kienet ippreżentata ittra lill-Kunsill Lokali fejn qed ikun imwiegħed li se jingħata € 4,000 sabiex isir restawr fuq iċ-Ċimiterju ta San Tumas.

3.5 Is-Sindku ta resume tal-ħidma li kellu l-Kunsill Lokali matul is-sena 2012. Qabel ma beda jsemmi l-proġetti li saru huwa irringrazzja lill-Kunsilliera kollha talli kulħadd ġibed ħabel wieħed u saret ħafna ħidma anki bil-koperazzjoni ta kulħadd. Bħala xogħol t infrastruttura huwa semma li għal din is-sena kienu saru Triq id-Daqquqa Kaħla, Triq Wied il-Knejjes u Triq Andre Vassallo. Dwar Triq Anton Falzon huwa semma li saret pressjoni mal-Gvern Ċentrali biex isiru l-water culverts qabel ma jingħata r-resurfacing. Dwar kif qed jitkompla x-xogħol infrastrutturali huwa semma li se ssir Triq Patri Indri Schembri minn naħa tal-Gvern Ċentrali u Triq Mikielanġ Sapiano minn naħa tal-Kunsill.

Fuq il-kamp edukattiv is-Sindku semma li l-Kunsill qed jiffinanzja sabiex tkun tista' tinfetaħ il-librerija nhar ta Sibt u anki għal sena oħra konsekuttiva reġgħet kienet

organiżżata Skola Sajf u anki Skola Sport għat tfal. Kien hemm ukoll l-attivita ta Jum Ħal Luqa fejn fiha kien ġie komemmorat Dun Ġużepp Micallef, pubblikazzjoni ta ktieb tal-poeżiji tas-Sur Pietru Pawl Theuma u anki issa f' Diċembru kien ikkomemorat Mikielanġ Sapiano. Il-Kunsill reġa ukoll għal darb oħra ikkollabora biex tingħata it-tilqima tal-influwenza lill-Anzjani.

Is-Sindku semma wkoll li bħalissa miexi x-xogħol fuq id-Daycentre u anki inbeda x-xogħol tal-installazjoni tal-lift. Sadintant inbnew żewġ swali u anki l-bini tal-uffiċċju.

Fuq il-kamp sportiv is-Sindku semma li ġew organiżżati xi attivitajiet mal-Luqa St. Andrew's fejn anki setgħu jibbenefikaw it-tfal.

Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill applika wkoll għall fondi Ewropej permezz ta għajnuna wkoll mill-GAL Xlokk. Kien hemm miżura 125 u 313 li saru applikazzjonijiet fuqhom. Is-Sindku semma li wasal biex jinbeda x-xogħol fuq il-Bandli ta Ħal Farruġ.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill kien ħadem ħafna imma kien għad hemm ħafna xi jsir. Huwa semma wkoll li l-istreaming kien qed isir bħala inizjattiva anki biex il-pubbliku jkollu aktar trasparenza fuq dak li jkun qed isir mill-Kunsill.

3.6 Il-Viċi Sindku semma li se jkun hawn delegazzjoni hawn Malta ta persuni minn Fiumicino li magħhom qed isir il-proġett tal-Youths Meet the Cultural Heritage u bħala persuna bid dekasteru tal-Kultura talab għalhekk biex jiltaqa magħhom. Is-Sindku qallu biex jiltaqa magħhom.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma li bħala parti mix-xogħol ta resurfacing li qed isir fi Triq Patri Indri Schembri hemm parti minn wesgħa li tinsab bejn Triq Mikielanġ Sapiano u Triq Patri Indri Schembri. Huwa ssuġġerrixxa biex waqt li qed isir dan ix-xogħol isir ukoll din il-parti. Huwa semma wkoll li hemm xi kurduna tal-qawwi biex din tinbidel u tkun imsaħħa.

3.8 Il-Kunsillier Carauna semma li fil-parti li hemm maġenb il-Knisja ta Ħal Farruġ li fiha l-ħamrija hemm bżonn li tissewwa u terġa tinġieb xi ħamrija fiha u terġa timtela.

3.9 Il-Kunsillier Caruana semma għas sleeping policeman li hemm fi Triq il-Karmnu fejn Sqaq nru 5 biex din tinqala peress li hemm xi residenti li qed jidħlilhom l-ilma. Is-Sindku semma li din tista tinqala parti minnha biss u b' hekk tkun solvuta l-problema tal-ilma. Huwa qal li xorta irid ikun hemm deterrent għas sewqan f din it-Triq u għalhekk għandha tinżamm parti minnha.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li ġol Iskola qed jinżamm ħafna ħmieg u hemm bżonn tat-tindif. Is-Sindku semma wkoll li hemm palma mejta kif ukoll siġra oħra ġol Iskola u li għalhekk għandna nappellaw biex dawn jinqalgħu.

3.11 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa kien avviċinat mis-Sur. Joe Ellul li lilu kien saqsih jekk il-camera li hemm fi Triq Dun Pawl din għadhiex taħdem. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li fi Triq San Ġorġ hemm żewġ parking bays li dawn suppost kellhom jitneħħew.

3.12 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk jistgħux jipoġġew xi rubbish bins fejn il-ground tal-futbol li hemm f San Vinċenż de Paule.

3.13 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq id-Daycentre għandha tiġi invjatta l-faċċata biex tkun unita l-parti l-antika mal-parti l-ġdida.

## 4.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

4.1 Is-Segretarju semma li hemm pagament fuq Clotty Camilleri li kienu bilanċ li kellhom jingħataw lilha ta meta kienet tat is-servizz tat-tilqim tal-influwenza.

4.2 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa qed jastjeni fuq il-kont tal-kennies.

## 5.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2012, fis-6.15 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2013.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |